Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2026/2035(INI)

07.05.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar sjieda konġunta ġdida għall-ġejjieni tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji – il-Patt għall-Mediterran
(2026/2035(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nicola Zingaretti

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar sjieda konġunta ġdida għall-ġejjieni tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji – il-Patt għall-Mediterran

(2026/2035(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Barċellona tas-27 u t-28 ta' Novembru 1995 u l-programm ta' ħidma tagħha,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Il-Patt għall-Mediterran: Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed" (JOIN(2025)0026),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2025 dwar il-Patt għall-Mediterran,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Patt għall-Mediterran – Rebbiegħa 2026,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Konsultattiv ta' Livell Għoli ta' Ottubru 2003 bit-titolu "Dialogue Between Peoples and Cultures in the Euro-Mediterranean Area" (Djalogu bejn in-Nies u l-Kulturi fiż-Żona Ewro-Mediterranja),

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Mediterranju tal-Programm Ambjentali tan-NU (UNEP/MAP),

– wara li kkunsidra d-disa' mewġa tal-Arab Barometer (Barometru Għarbi),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2026),

A. billi l-Mediterran huwa spazju politiku, ekonomiku u kulturali kondiviż; billi d-dimensjoni Ewro-Mediterranja hija responsabbiltà kondiviża tal-UE kollha kemm hi;

B. billi l-kredibilità u l-effikaċja tal-impenn tal-UE mas-sħab tan-Nofsinhar tagħha ddgħajfu minħabba l-perċezzjoni ta' applikazzjoni inkonsistenti tal-prinċipji tagħha;

C. billi 30 sena wara t-tnedija tal-Proċess ta' Barċellona, il-prijoritajiet tal-multilateraliżmu, is-sjieda konġunta, l-appoġġ tas-soċjetà ċivili, u r-rabtiet bejn il-persuni għadhom punti ta' referenza essenzjali;

D. billi l-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) wettqet proċess ta' riforma istituzzjonali u ffukar mill-ġdid operazzjonali;

E. billi s-sħab soċjali huma atturi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-Patt għall-Mediterran, b'mod partikolari t-trade unions u l-kmamar tal-kummerċ;

F. billi l-Patt irid ikun ankrat f'viżjoni fuq terminu medju sa twil, allinjata mal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

G. billi l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljun XIV talab lill-komunità internazzjonali tneħħi l-kawżi tad-disprament u wissa kontra t-trasformazzjoni tal-Mediterran f'"ċimiterju fejn saħansitra tmut it-tama";

H. billi l-Uffiċċju ta' Koordinazzjoni Ekkleżjali għall-Mediterran (COMED) inħoloq fuq l-inizjattiva tal-Papa Franġisku wara l-Inkontri Mediterranji MED23 li saru f'Marsilja f'Settembru 2023, bħala korp iddedikat għat-trawwim tal-komunjoni, il-paċi u l-fraternità fix-xtut tal-baċir tal-Mediterran;

Il-Patt għall-Mediterran

1. Iqis li huwa essenzjali li jerġa' jitqajjem ir-rwol attiv tal-poplu u tas-soċjetà ċivili sabiex jinbnew mill-ġdid id-djalogu, l-istabbiltà u l-paċi fir-reġjun tal-Mediterran; jisħaq li l-Mediterran ma jistax jibqa' hotspot ta' kunflitti u gwerer, u jappella għal fażi ġdida bbażata fuq il-protagoniżmu tan-nies, is-soċjetà ċivili, in-negozji u l-amministraturi lokali bħala xpruni ta' patt imġedded għad-djalogu u l-kooperazzjoni;

2. Jemmen li l-Patt għall-Mediterran huwa opportunità biex jiġġeddu u jissaħħu r-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji billi jsir investiment fin-nies fid-dawl tad-diviżjonijiet u n-nuqqas ta' ambizzjoni fost il-gvernijiet, jinsiltu tagħlimiet min-nuqqasijiet tal-oqfsa ta' kooperazzjoni preċedenti, u tinbena din is-sħubija mġedda dwar is-sjieda konġunta bħala l-prinċipju ċentrali tagħha, u s-suċċess tagħha jkun jiddependi mill-involviment ġenwin tan-nies, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

3. Jikkondividi l-għan li tingħata ħajja ġdida lill-Mediterran bħala spazju komuni għall-kooperazzjoni u l-iskambju ekonomiku u kulturali, li jrawwem it-tkabbir, l-istabbiltà u l-paċi;

4. Jilqa' l-ħatra tal-ewwel Kummissarju Ewropew għall-Mediterran, u l-ħolqien ta' Direttorat Ġenerali ddedikat, li issa jrid jiġi segwit minn fokus politiku koerenti u għażliet ta' politika;

5. Jappoġġja l-miżuri identifikati bħala prijoritajiet fil-Pjan ta' Azzjoni; jemmen li l-istadji kollha tiegħu għandhom jirriflettu approċċ strateġiku koerenti li jmur lil hinn minn sempliċi lista ta' azzjonijiet;

6. Jissottolinja li, biex il-Patt għall-Mediterran jirnexxi, il-poplu tar-reġjun tal-Mediterran fl-aħħar mill-aħħar irid igawdi l-benefiċċji tiegħu; itenni l-ħtieġa ta' enfasi qawwija fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u t-trasparenza;

7. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-akkademja u s-settur privat; jemmen li implimentazzjoni b'saħħitha tal-objettivi tal-Patt tirrikjedi bidla minn sempliċi konsultazzjoni għal governanza reali f'diversi livelli;

Sfidi istituzzjonali u politiċi

8. Jemmen li l-Parlament jeħtieġlu jkollu rwol ċentrali fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Patt, b'mod partikolari fil-monitoraġġ tal-koerenza bejn l-għanijiet ta' politika u l-miżuri proposti;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-aġġornamenti futuri tal-Pjan ta' Azzjoni jkunu preċeduti minn djalogi strutturati mal-pajjiżi sħab u mal-Parlament;

10. Jinsisti li l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (AP-UgħM) tingħata rwol sostantiv u msaħħaħ fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Patt;

11. Jilqa' l-proposta li titwaqqaf Assemblea Parlamentari taż-Żgħażagħ għall-Mediterran; jinkoraġġixxi l-ankraġġ ta' din l-assemblea taż-żgħażagħ fil-qafas tal-AP-UgħM;

12. Jenfasizza l-importanza li jitrawmu rabtiet Nofsinhar-Nofsinhar u li jissaħħaħ id-djalogu reġjonali;

13. Jinsisti li jrid jiġi żgurat finanzjament adegwat għas-sħubija Ewro-Mediterranja fil-qafas pluriennali li jmiss, u li l-livell ta' ambizzjoni tal-Patt fl-aħħar mill-aħħar se jiġi ġġudikat mir-riżorsi allokati lilu;

In-Nies

14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Università Mediterranja, jisħaq li l-kooperazzjoni akkademika hija l-aktar effettiva permezz tal-preżenza fiżika u l-interazzjoni diretta, u jqis li network ta' arranġamenti ta' ġemellaġġ jirrappreżenta l-aktar strument kredibbli għal dan l-għan;

15. Ifakkar li l-viżi ta' studju jirrappreżentaw sehem limitat u maniġġabbli tal-flussi migratorji meta jkunu inkorporati f'kooperazzjoni strutturata mal-awtoritajiet lokali u l-universitajiet;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-mobbiltà Nofsinhar-Nofsinhar u dik intra-Mediterranja permezz ta' programm Euromed Visa bi proċedura aċċellerata u programm Erasmus+ iffurmat mill-ġdid;

17. Jipproponi l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Konsultattiv tas-Soċjetà Ċivili formali marbut mal-istruttura ta' governanza tal-Patt;

Ekonomiji aktar sostenibbli u integrati

18. Jappoġġja l-modernizzazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali u t-tisħiħ tal-flussi ta' investiment permezz ta' forom ġodda ta' ftehim, speċjalment għal setturi b'benefiċċji reċiproċi għoljin;

19. Jinnota li r-reġjun tal-Mediterran għandu potenzjal kbir mhux sfruttat fl-idroġenu solari, eoliku u ekoloġiku li jrid jiġi żviluppat bħala riżerva strateġika għas-sigurtà tal-enerġija reġjonali, li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz tal-enerġija rinnovabbli, l-interkonnessjonijiet tan-network, l-infrastruttura tal-ħżin, u l-effiċjenza enerġetika;

20. Jisħaq fuq l-importanza tal-ekonomija blu bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fil-Mediterran;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Inizjattiva Trans-Mediterranja dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-Kooperazzjoni Teknoloġika Nadifa (T-MED) iċċaqlaq il-kooperazzjoni minn impenn episodiku għal sensiela strutturata ta' proġetti;

Preparatezza u Ġestjoni tal-Kriżijiet

22. Jenfasizza l-fatt li l-Patt jirrappreżenta opportunità biex isir progress lejn spazju ta' mobbiltà Ewro-Mediterranju b'mod ġdid u trażversali, li jappoġġja l-kisbiet fl-oqsma tal-kooperazzjoni ekonomika, in-negozji ġodda, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, iż-żgħażagħ, l-istudenti, u l-kooperazzjoni akkademika u xjentifika;

23. Jappella għal approċċ kostruttiv għall-migrazzjoni regolari, b'enfasi sostnuta fuq it-talent u l-iżvilupp tan-nies, f'kooperazzjoni mas-settur privat;

24. Jappella għal rispons komprensiv biex jiġu indirizzati kemm il-ħtiġijiet operazzjonali immedjati kif ukoll il-fatturi strutturali fit-tul;

25. Jenfasizza li l-migrazzjoni hija fenomenu multidimensjonali li jrid jiġi indirizzat permezz ta' approċċ komprensiv, ibbażat fuq id-drittijiet u ċċentrat fuq il-bniedem;

26. Itenni l-valur tal-ħajja tal-bniedem fid-dawl li eluf ta' persuni tilfu ħajjithom jew huma neqsin bħala riżultat tal-attivitajiet tan-networks tad-dħul klandestin u traffikar tal-bnedmin; jipproponi li l-Kummissjoni tagħmel sforz ta' tiftix u tniedi inizjattiva biex treġġa' lura d-"dritt għall-isem" għall-vittmi fil-Mediterran, bħala att ta' dinjità għall-bnedmin kollha u twissija għall-ġenerazzjonijiet futuri;

°

° °

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President tal-AP-UgħM, lis-Segretarju Ġenerali tal-UgħM, u lill-membri tal-UgħM tan-Nofsinhar tal-Mediterran.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport jippreżenta l-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-futur tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji, b'enfasi partikolari fuq il-Patt għall-Mediterran li tnieda dan l-aħħar. Fi żmien meta l-Mediterran qed jirriskja li jerġa' jsir spazju kkaratterizzat minn kunflitt, mibegħda u gwerra, dan ir-rapport huwa ggwidat mill-konvinzjoni li ma nistgħux nirrassenjaw ruħna għall-frammentazzjoni u l-instabbiltà. Minflok, irridu ndawru l-paġna u niftħu fażi ġdida ta' kooperazzjoni u responsabbiltà kondiviża, xprunata mhux biss mill-istituzzjonijiet, iżda wkoll mill-protagoniżmu tan-nies, is-soċjetà ċivili, in-negozji u l-amministraturi lokali, li kollha kemm huma jistgħu jsiru atturi ewlenin fil-bini ta' patt Ewro-Mediterranju mġedded. F'dan il-kuntest, ir-rapport ifittex li jiddefinixxi l-prijoritajiet ewlenin tal-Parlament li jimxu 'l quddiem, iggwidati mill-prinċipju ta' sjieda konġunta.

Tletin sena wara l-Proċess ta' Barċellona, il-Mediterran għal darb'oħra qed jattira attenzjoni internazzjonali sinifikanti. Din iż-żieda mill-ġdid tal-interess qed isseħħ fi żmien ikkaratterizzat minn frammentazzjoni, tensjonijiet ġeopolitiċi, kunflitti li għaddejjin u żieda fl-inugwaljanzi. Bi tweġiba għal dawn l-isfidi, il-Kummissjoni Ewropea fittxet li tniedi mill-ġdid inizjattiva politika, ekonomika, diplomatika u kulturali komprensiva bl-għan li terġa' tqajjem id-djalogu, issaħħaħ il-kooperazzjoni u l-tistabbilixxi mill-ġdid l-involviment regolari fir-reġjun kollu. Dawn l-isforzi laħqu l-qofol tagħhom fil-Patt għall-Mediterran, flimkien mal-ħatra tal-ewwel Kummissarju Ewropew għall-Mediterran u l-istabbiliment ta' Direttorat Ġenerali ddedikat.

Din il-kollaborazzjoni mġedda bejn l-UE u l-ġirien tagħna tan-Nofsinhar tippreżenta opportunità unika biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-passat, speċjalment f'termini ta' strutturi ta' governanza limitati, ambizzjoni finanzjarja insuffiċjenti u dipendenza eċċessiva fuq arranġamenti bilaterali aktar milli fuq trasformazzjoni fit-tul u sjieda konġunta reċiproka ġenwina. Ir-rapport jiffoka b'mod partikolari fuq id-dimensjoni bejn il-persuni tal-Patt, filwaqt li jenfasizza l-konnessjonijiet umani u d-demokrazija bħala pilastri ewlenin tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji lejn spazju Mediterranju komuni reali.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Natural Resource Governance Institute
UNIMED - Mediterranean Universities Union
CIDOB (Barcelona Centre for International Affairs)
Open arms
Istituto Affari Internazionali
EuroMed Rights
MedCities
CPMR-CONFERENCE OF PERIPHERAL MARITIME REGIONS
ECCO think tank
The Platform of Israeli NGOs for Human Rights
Médecins Sans Frontières (OCB/LuxOR)
Anna Lindh Foundation
European Alliance Group (CoR)
Human Rights Watch
Foundation for European Progressive Studies
Mediterranea Saving Humans
Human Rights Watch
MEDPORTS Association
CeSPI
Diplomeds
University of Salento
Italian Institute of International Political Studies (ISPI)
OMEC
Enel
European University Institute
International Union of Socialist Youth IUSY
Eni S.p.A.
Avocats Sans Frontières
European Institute of the Mediterranean (IEMed)
European Commission
Comité européen des régions

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

Euro-Mediterranean Regional and Local Assembly (ARLEM)
European Economic and Social Committee
UNIDO
Union for the Mediterranean (UfM)
UN Brussels Office
World Bank Group
Sea-Watch
UNESCO
Association of Chambers of Commerce and Industry of the Mediterranean (ASCAME)
President of the Chamber of Commerce of Barcelona
ETUC
Port of Algeciras - Autoridad Portuaria Bahía de Algeciras
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
-

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.